**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 13**

**It-Tnejn, 17 ta' Novembru 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.39p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Ivan Castillo.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 12 ġew approvati.

Wara l-aħħar laqgħa tal-Kumitat fejn kien hemm qbil li kellhom jiġu diskussi l-linji gwida tal-kumitat, l-Onor. Chris Agius talab biex jiġu diskussi biex linji gwidi li ilhom sitt snin, ikunu jistgħu jiġu emendati u aġġornati.

L-Onor. Ray Abela ta l-opinjoni li jiġu fformulati ideat abbażi ta' dak li hemm fil-linji gwida u fl-istess ħin issir referenza għal dak li jsir fil-House of Commons u l-kumitat jitlaq b'dawn l-ideat. L-Onor. Ray Abela pprerpara dokumenti b'xi ideat.

L-Onor. Chris Agius qal ukoll li biex ikun hemm għajnuna, hemm ir-ruling li l-Ispeaker kien ta għal finijiet tal-Kumitat.

L-Onor. Ivan Castillo saħaq li kulħadd għandu jiġi bi proposti biex ikunu diskussi fil-kumitat. Qal li mill-Istanding Orders, hemm minnhom li jridu jinbidlu kif ukoll hemm minnhom li jridu jsir ġodda. Semma wkoll li fir-rapport li għamel l-Onor. Castillo, semma klawsola klawsola ta liema jridu jiġu emendati u mdaħħla.

L-Onor. Chris Agius qal li meta kienu nħolqu l-linji gwidi, ma kinitx saret diskussjoni fil-Kamra tal-Parlament imma kienet saret quddiem l-Ispeaker u l-Iskrivan tal-Kamra.

L-Onor. Ray Abela talab li l-Istanding Orders, u linji gwidi jkunu kkomunikati lill-Membri tal-Kumitat verżjoni diġitali li s-segretarju tal-kumitat qal li se jkun qed jibgħathom aktar tard.

Fil-4:50pm, il-Kumitat aġġorna għal laqgħa oħra għat-Tlieta, 25 ta' Novembru 2025 fit-3:00pm

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**